MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 964/2006

**Bank of Valletta (C 2833)**

**vs**

**Mario Micallef**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal Bank rikorrenti fejn dan wara li ppremetta illi;

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f`kuntratt datat fil-11 ta` Gunju, 2004 in atti Nutar Dottor Sandro Schembri Adami (Dok. ‘A’) is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil konvenut Mario Micallef.

2. Is-socjeta` attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Mario Micallef fis-somma ta` sitta u tletin elf, hames mija u erbatax-il Lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm36,514.89) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Accounts” ta` Mario Micallef mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “B”, “C”, u “D”) flimkien ma` l-imghax ulterjuri mill-10 ta` Ottubru, 2006 sad-data ta` l-effettiv pagament;

3. Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebiti bhala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Mario Micallef;

(a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f`obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta` l-istess konvenut Mario Micallef li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta` l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

4. L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Il-konvenut gie interpellat permezz ta` ittra ufficjali datata 31 ta` Ottubru, 2005 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. “E”, sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa` inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talbu lil konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsmmi (u hawn esebit bhala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Mario Micallef (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f`obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta` l-istess konvenut Mario Micallef li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-

possibilita` tal-hlas lura ta` l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici, u

2. Tikkundanna lil Mario Micallef jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` sitta u tletin elf, hames mija u erbatax-il Lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm36,514.89) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta` Mario Micallef mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B", "C", u "D") flimkien ma` l-imghax ulterjuri mill-10 ta` Ottubru, 2006 sad-data ta` l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta` l-ittra ufficjali datata 31 ta` Ottubru, 2005 u tal-Mandat ta` Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat in-nota a fol. 48 tal-process li biha Mario Micallef ammetta t-talbiet kif dedotti. In vista ta` din in-nota, il-Qorti tilqa` l-ewwel talba, tilqa` t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta` €85,056.81 flimkien ma l-imghaxijiet u l-spejjez kollha kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------